C/2026/227

12.1.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Kawża M.12277 – GIC REALTY / BROOKFIELD / YES COMMUNITIES)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/227)

1. Fit-23 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Brookfield Asset Management Ltd. ("Brookfield Asset Management", il-Kanada), ikkontrollata minn Brookfield Corporation ("Brookfield", il-Kanada),

— MHParks LLC ("MHP", l-Istati Uniti), ikkontrollata minn GIC (Realty) Private Limited ("GIC Realty", Singapore),

— YES Communities, LLC ("YES", l-Istati Uniti), li bħalissa huma kkontrollati indirettament b'mod konġunt minn GIC Realty and Stockbridge YES Partners.

Brookfield u GIC Realty se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' YES.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Brookfield hija ditta ta' investiment dinjija li tinvesti kapital diskrezjonali globalment għall-investituri mad-dawra sħiħa tan-negozji ewlenin tagħha, inkluż in-negozju tal-ġestjoni tal-assi tagħha u n-negozji operattivi tagħha ffukati l-aktar fuq l-enerġija rinnovabbli u t-tranżizzjoni, l-infrastruttura, l-ekwità privata, u l-proprjetà immobbli, kif ukoll il-kreditu korporattiv, l-assi reali u l-ekwitajiet elenkati, u l-kiri fis-settur tal-avjazzjoni u l-finanzjament speċjalizzat,

— GIC Realty hija kumpanija privata b'responsabbiltà limitata inkorporata skont il-liġijiet ta' Singapore. GIC Realty hija kumpanija azzjonarja għall-investimenti fil-proprjetà immobbli magħmula f'isem il-Gvern ta' Singapore u teżerċita s-setgħa ta' deċiżjoni indipendenti tagħha stess. MHP hija indirettament sussidjarja totalment proprjetà ta' GIC Realty, attiva biss fl-Istati Uniti.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża YES huma dawn li ġejjin: is-sid u l-operatur ta' komunitajiet ta' akkomodazzjoni manifatturati li jiffukaw fuq il-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli u ta' kwalità u t-trawwim ta' sens ta' komunità għar-residenti mal-Istati Uniti, l-offerta ta' kiri ta' siti tad-djar, kif ukoll għażliet ta' kiri u xiri ta' djar.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12277 — GIC REALTY / BROOKFIELD / YES COMMUNITIES

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË